II

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

KUNSILL

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-23 ta' Lulju 2007

dwar il-konklużjoni ta' protokoll għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Ewro-Mediterranju bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu ta' l-Alġerija min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni ma' l-Unjoni Ewropea tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, u r-Repubblika tas-Slovakkja

(2007/544/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 310, flimkien ma' l-Artikolu 300(2), l-ewwel inċiż, it-tieni sentenza, u l-paragrafu (3), it-tieni inċiż tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att ta' Adeżjoni ta' l-2003, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni konformi tal-Parlament Ewropew [1],

Billi:

(1) Il-Protokoll għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Ewro-Mediterranju bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu ta' l-Alġerija min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni ma' l-Unjoni Ewropea tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, u r-Repubblika tas-Slovakkja, ġie ffirmat f'isem il-Komunità u l-Istati Membri tagħha, fl-24 ta' April 2007 fil-Lussemburgu.

(2) Jaqbel li l-Protokoll jiġi approvat,

IDDEĊIEDA:

Artikolu Uniku

Il-protokoll għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Ewro-Mediterranju bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu ta' l-Alġerija min-naħa l-oħra, għandu jiġi approvat f'isem il-Komunità u l-Istati Membri tagħha biex titqies l-adeżjoni ma' l-Unjoni Ewropea tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, u r-Repubblika tas-Slovakkja.

It-test tal-Protokoll hu mehmuż ma' din id-Deċiżjoni [2]

Magħmul fi Brussell, 23 ta' Lulju 2007.

Għall-Kunsill
Il-President
L. AMADO

---

[1] Konformi tal-Parlament Ewropew ta' l-10 ta' Lulju 2007 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

[2] ĠU L 118, 8.5.2007, p. 8.